**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Simone Grech**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**

**L-Ispettur Hubert Gerada**

**Vs**

**Musaqad Hajeji, Mahmoud Hamed Ushman, Muntasen Idris u Ahmed Mohamed Umar**

**Illum 27 ta' Settembru 2019**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra:

Musaqad Hajeji ta' 34 sena, iben Musaqad u Muhassin, nazzjonalita' Sudaniża, imwieled is-Sudan, f' 05-05-1985, jirrisejdi Marsa IRC u detentur tan-numru tal-Pulizija 19U-056,

Mahmoud Hamed Ushman ta' 17-il sena, iben Mahmoud u Bahnita, nazzjonalita' Eritrean imwieled l-Eritrea f' 12-01-2002, jirrissjedi Marsa IRC u detentur tan-numru tal-Pulizija 19AA-245;

Muntasen Idris ta' 16-il sena, iben Idris Karif u Sadia, nazzjonalita' Sudaniża, imwieled Sudan f' 02-01-2003 jirrissjedi Hal Far Tent Village, u detentur tan-numru tal-Pulizija 19H-133; u

Ahmed Mohommed Umar ta' 16-il sena iben Ahmed u Batool, nazzjonalita' Sudaniza, imwieled is-Sudan, f' 01-01-2003 jirrissjedi Halfar Tent Village u detentur tan-numru tal-Pulzija 19H-041;

Li ġew akkuzati li fis-27 ta' Settembru 2019 u fil-jiem ta' qabel f' dawn il-gżejjer jew fi bnadi oħra ffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f' dokumneti jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokumenti jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokumenti li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom u ċioe' kellhom fil-pussess tagħhom karti tal-identita' Franċiżi foloz bin-numru 72044H881202, 090561101725, 4483V1110882 u 1284B5290777 (Kap 9, Art 189 tal-Liġijiet ta' Malta)

Kif ukoll akkużati li matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorita' leġittima użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokumenti, meħtieġa għal finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni li jkunu falsifikati (Kap 217, art 32 (1) (f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet ammissjoni tal-imputati liema ammissjoni reġgħet ġiet ikkonfermata minnhom wara li ngħataw żmien raġjonevoli sabiex jaħsbu dwarha u wara li ġew spjegati l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u x' pieni jġibu magħhom.

Ħadet konjizzjoni tal-eta' tal-imputati.

Semgħet sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Deċide**

**Fuq ammissjoni, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 31, 37 u 189 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Musaqad Hajeji ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra tiegħu u tikkundannah sitt xhur priġunerija; issib lil Mahmoud Hamed Ushman ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra tiegħu u tikkundannah tlett xhur priġunerija; issib lil Muntasen Idris ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra tiegħu u tikkundannah tlett xhur priġunerija u lil Ahmed Mohommed Umar ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra tiegħu u tikkundannah tlett xhur priġunerija.**

**Maġistrat Simone Grech**